**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji** **Karta Mudell**

**Is-Seba' Sena** **Il-Ġeografija (Ġenerali)** **Siegħa**

**L-Isem:** ______________________________________ **Il-Klassi:** _______________

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha f'din it-taqsima.**

**1.** a. Ħares sewwa lejn disinn 1 li juri mappa ta' Malta,. Agħti l-ismijiet tal-postijiet immarkati bin-numri minn 1 sa 5 bl-għajnuna tat-tagħrif mogħti.




Disinn 1 – Mappa ta' Malta

i. Lokalità **1** hija l-belt ewlenija t'Għawdex. ……………………………

ii. Raħal **2** huwa villaġġ magħruf tas-sajd. ……………………………

iii. Gżira **3** tinsab bejn Malta u Għawdex. ……………………………

iv. Ħafna Maltin u turisti jżuru lokalità **4** li tinsab qrib tal-Gżira.

……………………………

v. F'port **4** jitrakka l-vapur t'Għawdex. ……………………………

**(10)**

b. Fuq il-mappa ta’ Malta mmarka u semmi **żewġ** postijiet oħra tal-għażla tiegħek.

**(4)**

**2.** a. Fl-ispazju mogħti f’disinn 2, pinġi disinn illejbiljat tas-saffi tal-blat ewlenin li nsibu fil-Gżejjer Maltin.

Disinn 2 **(10)**

b. Fuq disinn 2 immarka saff ta’ blat li huwa permeabbli. **(2)**

ċ. Aqra sew dan it-tagħrif dwar il-blat li nsibu fil-gżejjer Maltin.

i. Immarka (✓) s-sentenzi dwar il-blat ta’ Malta li huma veri.

| | | |
|---|---|---|
| **i.** | Malta hi magħmula minn blat vulkaniku. | |
| **ii.** | Il-ġeoloġi jsejħu l-Baħar Mediterran tal-imgħoddi bħala l-Baħar Tethys. | |
| **iii.** | F’Malta nsibu ħames saffi differenti ta’ blat. | |
| **iv.** | Il-Globiġerina huwa saff ta’ blat impermeabbli. | |
| **v.** | Il-Qawwi ta’ Taħt jitfarrak fi żrar għall-konkos. | |
| **vi.** | Iż-żonqor huwa l-aktar saff artab ta’ blat li nsibu f’pajjiżna. | |

**(6)**

ii. Ikteb mill-ġdid u rranġa s-sentenzi żbaljati fit-taħriġ ta' fuq.

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

**(9)**

**3.** Ikteb l-isem tal-blat Malti li jaqbel ma' dawn il-karatteristiċi fit-tabella t'hawn taħt.
(Agħżel minn: **Tafli, Rina, Globiġerina, Qawwi ta' Fuq, Qawwi ta' Taħt**)

| **Karatteristiċi** | **Tipi tal-blat li jinsab Malta** |
|---|---|
| a) Dan huwa blat artab. | **Tafli** |
| b) Dan huwa l-aħħar blat li fforma. | |
| c) Dan huwa l-ewwel saff li fforma f'qiegħ il-baħar. | |
| d) Dan il-blat ma jħallix ilma jgħaddi għas-saff ta' taħtu. | |
| e) Dan il-blat jitkisser f'ramel dehbi. | |
| f) Dan il-blat jista' jintuża għall-fuħħar. | |

**(10)**

**4.** Ħares sewwa lejn l-istampa, Disinn 3, li turi l-fdalijiet ta' fossila li nstabet fil-blat.
Spjega kif il-fossili jinsabu fil-blat.



Disinn 3

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

**(6)**

**5.** a. Ħares sewwa lejn disinn 4. Immarka d-disinn bil-kliem mogħti hawn taħt.



**stalagmita**

**blat permeabbli**

**għar**

**blat impermeabbli**

**stalaktita**

**plier**

Disinn 4

**(6)**

b. Uża l-kliem mogħti f'taħriġ 5a biex tispjega kif il-blat kalkarju jinbidel meta jgħaddi minnu l-ilma.

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

**(8)**

**6.** Immaġina li inti ġejt inkarigat biex tippjana ġiti għat-turisti li ġejjin Malta fuq dan il-vapur tat-turisti li jidher f'disinn 5. Semmi **erba'** attrazzjonijiet ewlenin ta' Malta. Żomm f'moħħok li hemm it-tfal flimkien mal-ġenituri tagħhom u għalhekk il-ġiti għandhom jogħġbu lin-nies ta' kull età.



Disinn 5

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

**(12)**

**7.** a. Semmi **żewġ** vantaġġi tat-turiżmu f'Malta.

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

b. Semmi żvantaġġ **wieħed** tat-turiżmu f'Malta.

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

**(9)**

**8.** Imla t-tabella t'hawn taħt billi tikteb żewġ funzjonijiet għal kull belt jew raħal.

| **Isem** | **Stampa** | **Funzjonijiet ewlenin** |
|---|---|---|
| **L-Imġarr (Għawdex)** |  | |
| | | |
| **Marsaxlokk** |  | |
| | | |
| **Tas-Sliema** |  | |
| | | |
| **Il-Belt Valletta** |  | |
| | | |

**(8)**